MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Numru. 261/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**VS**

**GAETAN GATT**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miguba kontra Gaetan Gatt, ta' 39 sena, bin Lawrence u Rosaria nee' Zammit, imwieled Pieta', fid-29 ta' Ottubru 1971, residenti 66, Triq Isouard, Marsa u detentur tal-karta tal-Identita' li ggib in-numru 5372 M;

Talli nhar il-15 ta' Settembru, 2010 u 2 ta' Frar 2011, f'hinijiet differenti, f'dawn il-Gzejjer:

1) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra, sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), bi hsara ta' diversi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitol 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
2) U aktar, talli b'hekk ghamel reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, skont sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella, nhar il-21 ta' Jannar, 2011;

3) U aktar talli b'hekk rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, preseduta mill-Magistrat Anthony G. Vella, nhar il-21 ta' Jannar, 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula, skont l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qed jaghmilha ta' salesman ta' diversi prodotti fiz-zmien in kwistjoni, u kien irnexxielu jdur ftit hwienet, jixtri ftit merkanzija on credit, imur ghand hwienet ohra u jbieghhom b'irhis, u aktar minn hekk jiehu ordnijiet akbar minn ghand l-istess hwienet fuq hlas ta'

depozitu maghmul minnhom. B’hekk irnexxielu jiffroda diversi stabbilimenti, u kien ghamel qligh ghalih innifsu ta’ aktar minn elfejn u tlitt mitt ewro. Din kienet kollha messa in xena tal-imputat biex jaghmel dan il-qligh b’mod illecitu ghall-ahhar.

Bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti qieghdha ghalhekk issibu hati u ser tghaddi biex taghti s-sentenza fil-konfront tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-artikoli 308, 309, 310 (1)(a), 28B, 28C, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat, li giet ikkonfermata minnhu;

Rat illi s-sentenza sospiza datata 21 ta’ Jannar, 2011, gia giet operattiva permezz ta’ sentenza ohra fil-konfront tal-imputat, u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Illi l-istess ammissjoni, ma thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Gaetan Gatt, hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija.

Din il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------